MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Numru. 976/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**

**VS**

**Raymond Cutajar, iben Lewis u Carmela nee' Zammit, imwieled Qormi nhar il-15 ta' Lulju, 1956, residenti fil-fond Paradise, Triq id-Deheb Fin, Qormi, u detentur tal-karta tal-identita' numru 525356M;**
**U George Cutajar, iben Raymond u M'Dolores nee' Borg, imwieled Tal Pieta' nhar l-1 ta' Jannar, 1986, residenti fil-fond Paradise, Triq id-Deheb Fin, Qormi, detentur tal-karta tal-identita' numru 31486M**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Raymond Cutajar** u **George Cutajar** li gew akkuzati talli:

a. F’Marsaxlokk, fit-2 ta’ Ottubru, 2005, ghall-habta ta’ 17.10hrs, attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xort’ohra li ma titqisx bi vjolenza pubblika, u ghamlu offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 961 Raymond Debono, persuna nkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt illi jkun jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skont il-Ligi minn awtorita’ kompetenti bi ksur tal-Artikoli 95(1) u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. U aktar talli fl-istess jum, lok, u cirkostanzi, ghamlu hsara volontarja fuq il-hwejjeg ta’ PC 961 R Debono ta’ inqas minn Lm5.00;
c. U aktar talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat, glied u dagha fil-pubbliku, bi ksur tal-Artikoli 338(dd) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, m’obdewx l-ordnijiet legittimi tal-pulizija bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e. Lil **George Cutajar wahdu** talli huwa recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, Mag Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D., liema sentenza giet definittiva nhar it-30 ta’ April, 2003;
f. U aktar talli **Raymond Cutajar wahdu** huwa recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta li dawn kollha gew definiti f’dati differenti.

Rat illi moqrija l-akkuzi, l-imputati wiegbu li ma kinux hatja taghhom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat illi l-imputati wiegbu li ma kellhom ebda oggezzjoni ghall-istess proceduri.

Il-fattispecie ta’ din il-kawza hija glieda verbali u fizika li nqalghet bejn l-imputati u l-familja ahwa Schiavone, u r-ragel ta’ ohthom Raymond Debono fuq sit ta’ fejn l-imputati bhala hawkers kellhom jarmaw il-kiosk taghhom, a paragun ta’ fejn hu sitwat ir-restaurant “Harbour Lights”, proprjeta’ ta’ u gestit mill-ahwa Schiavone.

Illi gie allegat illi f'dan id-disgwid, wegga' PC 961 Raymond Debono mill-imputati.

Mill-provi prodotti, gew ezebiti zewg stqarrijiet tal-imputati rispettivament - it-tnejn mehuda fis-sena 2005, allura minghajr id-dritt tal-assistenza legali. Issa dik ta' Raymond Cutajar, considerando l-eta' tieghu fi zmien tat-tehid taghha, u l-fatt illi kif jidher mill-fedina penali ma kinx gdid ghall-investigazzjonijiet tal-pulizija, il-Qorti ser tqisha ammissibbli. Minn naha l-ohra pero, ghall-istess ragunijiet, il-Qorti mhix ser tqis bhala ammissibbli dik ta' Raymond Cutajar.

Minn naha tieghu Raymond Debono xehed illi kienet cemplitlu martu Vincenza Debono ghax kienet tahdem ma' hutha gewwa r-restaurant Harbour Lights proprjeta' tal-ahwa Tabone. Xehed ukoll illi huwa kien pulizija – PC 961. Qal illi kif wasal hdejn ir-restaurant/kiosk, sema' ghajjat u storbju. Ra lill-imputati li kienu qed jargumentaw ma' hut il-mara. Meta resaq lejhom ra li Sunny kellu anke d-demm ma' wiccu, u li George Cutajar - ghalih it-tifel, kien qieghed jghajjat u jidghi, u jipprova jagredixxi lil Sunny. Qal illi resaq fuqu u ghal bosta drabi qallu li kien pulizija. Xehed illi ghalkemm kien liebes pajzan, infurmahom b'dan il-fatt ghal bosta drabi. Qal illi ghal dak il-hin ikkalma s-sitwazzjoni u anke gieghel lil hatnu jcempel lill-pulizija. Qal illi filwaqt illi kien qieghed iressaq lura lil martu u huha Herman biex jidhlu lejn il-gabbana, gie aggredit minn wara. Qal illi wiehed hatfu u l-iehor giriflu wiccu kollu.

Irrefera ghal sett ritratti ezebita bhala Dok RD1 a folio 26, gia' ezebiti mill-Ispettur Joseph Agius, illi juru l-griehi minnu sofferti.
Qal "*Jien dak il-hin kif hassejtni mizmum, awtomatikament inti ddur biex tara u t-tifel girifli wicci kollu. Jigifieri jiena rajt minn aggredieni, u mija fil-mija min aggredieni.*" (folio 41)
Qal anke li kif jidher fir-ritratti, carrtulu hwejgu. Kien cert illi l-grif ghamilhomlu t-tifel.

Qal illi x'hin beda jidderigi lil martu u huha Herman 'il gewwa, it-tifel – l-imputat George, beda joffendiehom b'ommhom. Irrepeta li hu identifika ruhu maghhom bhala pulizija ghal bosta drabi, ghal hames darbiet zgur. Innega li hu hebb ghal George, illi anke gieghlu jinzel ghar-rkubbtejh. Innega li darba li fuq il-post waslu l-pulizija tal-ALE, illi dawn kellhom izommuh. Qal illi dawn haduh bil-karozza l-Isptar.

Dwar dak illi ra meta wasal fuq il-post, wiegeb illi hu kien ra lil George ixejjer idejh ma' wicc Sunny Schiavone.

Vincenza Debono – mart ix-xhud precedenti, xehdet illi hi semghet li barra l-gabbana kienu qed jilletikaw. Harget u hemm rat lil hutha Sunny, Joe, u Herman jargumentaw bil-kliem ma' George u ibnu. Qalet illi mbaghad kwietat l-affari, pero li kif kienu qed iduru lejn il-gabbana, iz-zghir – allura George, beda joffendiehom b'ommhom li kienet mejta. Xehdet illi f'daqqa u l-hin l-imputati marru jigru u hatfu lil zewgha minn wiccu u mill-flokk. Rat lil zewgha bid-demm. Qalet illi rat lil huha Sunny mal-art u wiehed minhhom ser jaqa'.

Joseph Schiavone minn naha tieghu qal illi Raymond kien jarma bit-truck hdejn il-kiosk taghhom Harbour Lights. L-ewwel darba li xehed qal illi kien qallu biex ma jarmax daqshekk qrib l-entratura. Spjega li huma fuq barra kellhom l-imwejjed mal-kiosk. Qal illi rega' qallu ghat-tieni u t-tielet darba f'okkazjonijiet separati dwar dan. Qal ukoll illi darba minnhom, is-Sibt, waslu anke ghal kompromess u mmarkaw sa fejn kellu jidhol. Qal illi l-ghada l-Hadd, rega' mar ikellem lil Raymond, dejjem fuq id-"demarcation lines". Jghid illi ma laqghux tajjeb, anzi li gie anke George - allura z-zghir, li beda jghajjat kemm jiflah u jaghmillu jdejh ma' wiccu. Qal illi hu tefa' jdejh fuq wara biex forsi mill-body language tieghu jiftiehem illi ried jikkomunika. Qal illi dan George beda jidghi, tant illi beda jsikktu l-ko-imputat missieru, pero dan George tilef il-kontroll, beda jidghi u joffendieh. Qal illi mar hdejh huh Sunny. George anke beda jaghmillu jdejh ma' wiccu. Qal illi hu z-zghir Herman qabzitlu u ried jikkontrolla lil huh. Anzi qal illi lanqas dan huh ma kien qed jitkellem sew, u li hin

minnhom anke ra lil huh Sunny mal-art. Xehed illi dan huh umbaghad telaq biex icempel lill-pulizija, u wasal anke hatnu Raymond illi kien pulizija. Skondtu dan Raymond beda jghajjat li jekk kellhom xi lment kellhom jghidu lill-pulizija. Qal ukoll illi sakemm mar il-kiosk biex jara jekk huh l-iehor kinx cempel lill-pulizija, sema' aktar ghajjat. Hareg u ra lil hatnu wiccu kollu demm. Qal illi xi hadd beda jzomm lil hatnu 'l boghod. Ma ra ebda kuntatt fiziku. Qal illi hu stess qallhom li hatnu kien pulizija. Qal illi hu ra lin-nies jikkalmaw lil Raymond, jghidulu li ma kellu xejn, illi kellu jerhilhom.

Dwar dmija, qal illi ra wicc Raymond bid-dmija, u minghalih hu Sunny kellu widintu tqattar bid-dmija wkoll. Qal illi hu kien qrib tal-imputati, u ma ralhomx grif f'wicchom. Anzi jghid illi mar jaghti n-nuccali lil wiehed minnhom.

Saviour Schiavone minn naha tieghu xehed illi fuq informazzjoni ta' ibnu li mbuttaw lil huh Joe, hareg jara x'gara, u ra lill-imputat Raymond li kellu t-truck tal-gelat, jilletika ma' huh. Qal illi anke ra lil George hemm, u ra li l-argument kien shun. Mar hdejhom, u George beda jargumenta mieghu u jipprovokah, u mar anke ghal fuqu u ghamillu subajgh ma' wiccu. Qal illi beda jghidlu kliem oxxen. Xehed illi ghalkemm hin minnhom dan telaq, wara ftit rega' mar jigri ghal fuqu u sab ruhu fl-art, tajrulu n-nuccali, giref wiccu, kellu l-qmis imqatta'. Dan f'lehha ta' berqa. Deherlu li kellu jidhol u jcempel lill-pulizija tal-ALE u tad-distrett li talbuhom jidhlu gewwa. Ra wkoll lil Raymond bi grif ma' wiccu.

Xehed illi kien George li f'lehha ta' berqa mar jigri fuqu u sab ruhu mal-art ghax imbuttah hu, anke kissirlu n-nuccali.

Herman Schiavone qal illi ra u sema' lil hutu Sunny u Joe f'argument ma' George Cutajar. Qal illi ghalkemm kien jidher illi kien argument jahraq, hu ra lil hutu msemmija jikkalmaw is-sitwazzjoni. Qal illi f'daqqa wahda, George z-zghir, offendiehom b'ommhom, u hu ghalhekk qallu biex ma jdahhalx lil ommhom. Qal illi dan hebb ghalih, u hu

jghid illi rreagixxa fis-sens illi gew fl-idejn. Qal illi hu identifika ruhu. Xehed ukoll illi l-affari kkalmat. Kien hawn illi wasal ir-ragel ta' ohtu Raymond Debono. Qal illi f'daqqa wahda dan George rega' offendiehom b'ommhom, u fil-pront hebbew ghar-ragel ta' ohtu. Ipponta dejjem lejn George Cutajar.

Jghid ukoll illi dan Raymond beda jghidilhom li hu pulizija u li kellhom imorru l-ghassa.
Qal "*……..li gara huwa offendiena b'ommna u ghidtlu li hija, b'ommna toffendinix, hallieha barra lil ommi. Hu nehha n-nuccali u gie biex jahbat ghalija u jiena hemmhekk irreagixxejt*." (folio 92).
Qal illi gew fl-idejn ghal ftit minuti. Qal ukoll illi meta gew il-pulizija sabuhom imdawrin ma' Raymond ghax dan kellu l-feriti u haduh il-policlinic.

Anne Schiavone xehdet illi ghalkemm semghet l-istorbju, il-glieda ma lehqithix. Rat biss lil Raymond Debono bid-demm ma' wiccu. Ma rat xejn fuq l-akkuzat.

Xehdet anke Josephine Schiavone. Qalet illi kienet barra l-hanut Harbour Lights, u rat lil zewgha jitkellem ma' ragel bin-nuccali, anzi tghid mat-tifel tal-van illi kellu nuccali. Ma gharfitx lil dan fl-Awla. Rat lil dan tan-nuccali jimbotta lil zewgha u ratu mal-art. Rat lil tan-nuccali, lil missieru u lil zewgha mal-art. Qalet illi dawn in-nies li kienu hdejn zewgha kienu dawk li kellhom il-kiosk u kienu jarmaw hdejn ix-xoghol taghhom. Qalet ukoll illi marret twaqqaf lil dan it-tifel ghax kien qed joffendiehom b'ommhom u jidghi bil-Madonna. Qalet illi meta regghet dahlet fil-hanut, Sunny qallha li kien ser icempel lill-pulizija. Ziedet illi ma rat xejn izjed ghax hassitha ecitata u baqghet fil-hanut.

L-Ispettur Agius ezebixxa wkoll zewg sentenzi fil-konfront ta' George Cutajar, Dok JA folio 136; u Raymond Cutajar Dok JA1 folio 139. Tinnota l-Qorti li fiz-zewg sentenzi hemm il-konnotati tal-imputati.

Rat ukoll ic-certifikati medici ezebiti fil-konfront ta' Raymond Debono u George Cutajar – ilkoll ta' griehi ta' natura hafifa.

Kif qalet il-Qorti, minhabba l-eta’ ta’ George Cutajar, u anke l-fedina penali tieghu, ma tqisx bhala ammissibbli l-istqarrija tieghu. Harsa lejn l-istqarrija ta’ Raymond Cutajar, dan fiha jispjega li hu kellu permess jarma f’Site 1 u Site 2 max-Xatt ta’ Marsaxlokk, ma’ genb gabbana bl-isem “Harbour Lights”. Qal illi dawn kienu qed jippretendu li hu ma jarmax fil-post li ghalih kellu permess. Qal illi sid il-post anke ghamel zebgha minn jeddu mal-art u ordnalu biex joqghod ‘il boghod. Anke ghamel il-vann f’postu. Hawn inqala’ t-tilwim. Qal illi kien ibnu li nehha z-zebgha bit-thinner. Qal illi l-Hadd ramaw bhas-soltu, u kif waslu biex izarmaw, ghajjatlu wiehed tal-gabbana. Qal illi bdew jghollu lehenhom ma’ xulxin, u zied illi kif kienu qeghdin jitkellmu hareg bniedem minnu gewwa l-gabbana u mbotta lil George mal-art, u beda jtieh bis-sieq. Qal illi mar jiddefendi lil ibnu u dan tefa’ anke lilu mal-art. Din il-persuna li tathom bis-sieq rega’ dahlet fil-gabbana. Ma kinx jaf min hu. Qal illi wara ftit waslu l-pulizija tal-ALE, u dan beda jghajjat u jghidilhom li l-ghada ma kinux ser jarmaw hemmhekk. Ibnu George dar lejn il-pulizija u talabhom ikunu xhieda tad-diskors illi kien qieghed jghid dan. Qal illi hu ma kinx jaf min hi din il-persuna, li kien l-ewwel darba li raha hemmhekk, li qatt ma identifika ruhu bhala pulizija. Qal dwar il-griehi sofferti minn din il-persuna, illi huma kienu mal-art u li ma kinx jaf kif gralhom dan, ghalkemm ammetta li pprova jiddefendi ruhu.

Ghandu jinghad ukoll illi ghalkemm gie mitlub mid-Difiza li jigu rintraccati dawn il-pulizija tal-ALE, il-Prosekuzzjoni donnha sabet diffikulta’ taghmel dan!!

Ikkunsidrat:

Illi certament glieda grat, certament fuq demarcation lines koncess lil Raymond Cutajar biex jarma l-kiosk tieghu. Jidher fil-fatt illi l-kiosk Harbour Lights ghandu sit fiss u ilu jopera mill-istess post. Illi dan id-disgwid bejn il-partijiet ahwa Schiavone u l-imputati, qed jigi ben aggravat billi l-awtoritajiet kompetenti qeghdin jonqsu milli jiddeterminaw din is-sitwazzjoni.

Jirrizulta wkoll b’mod car illi l-partijiet li sofrew griehi (ta’ natura hafifa) kienu biss it-tlieta msemmija, nonostante li f’dan id-diverbju kienu nvuluti l-ahwa Schiavone wkoll.

Raymond Debono jinsisti li hu ddefenda ruhu meta gie attakkat minn George Cutajar. Dan jghidu wkoll Herman Schiavone. Minn naha tieghu Raymond Cutajar fl-istqarrija jghid illi ibnu gie attakkat u konsegwentement it-tnejn kemm huma bdew jaqalghu daqqiet ta’ sieq. Illi fil-verita’ din il-Qorti ma tistax tasal biex tghid min beda dan il-glied. Li tista’ tghid huwa li z-zewg partijiet donnhom ikkargati ghal xulxin, u li qed jippretendu drittijiet illi jiehdu **illegalment b’idejhom (enfasi tal-Qorti).**

Huwa wkoll stramb kif il-pulizija nvolut, minflok ikkalma s-sitwazzjoni, spicca nvolut f’din il-glieda! Daqstant perplessanti ghala, meta nizlu l-pulizija fuq il-post, hadu lil sehibhom jiddewwa u daqshekk, ghax jirrizulta li anke l-akkuzati kellhom xi grif. Ukoll ma jinftehiemx ghala dawn il-pulizija li marru jaghtu l-assistenza, baqghu ma ttellghux jixhdu, ma setghux jigu rintraccati??!!

Meqjus dan kollu, il-Qorti hija wkoll konvinta li f’xi hin Raymond Debono wera lill-imputati li hu kien pulizija, fis-sens illi qallhom x’kienet il-kariga tieghu, anke biex iwaqqaf l-incident. Zgur dan ma hadimx fuq George. Tibqa’ nsistenti pero l-Qorti, li messu waqaf hemm, u mhux dahal jinvolvi ruhu!!

Issib il-Qorti ghalhekk htija fil-konfront taz-zewg akkuzati, u dan wara li rat l-Artikoli 95 (dak 96 huwa assorbit fl-imsemmi Artikolu) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll l-Artikoli 338 u 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; Rat ukoll dwar il-piena, l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannahom it-tnejn li huma, wara li anke tqishom recidivi, ghal piena karcerarja ta’ sitt(6) xhur.

**Magistrat Dr Miriam Hayman LL.D**

**Komunika Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk**
**Supritendet taz-Zejtun**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------